

Brussell, 23 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12158/26

AGRILEG 196
PESTICIDE 56

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	22 ta' Lulju 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D105282/07
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għad-difenokonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D105282/07.

Mehmuż: D105282/07



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2024/2476
(POOL/E4/2024/2476/2476-EN.docx)
D105282/07
[...](2026) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew
u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għad-difenokonażol f'ċerti
prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għad-difenokonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwu ("MRLs") għas-sustanza attiva difenokonażol ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Fl-2024, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ressqet opinjoni motivata² dwar ir-rieżami tal-MRLs eżistenti għad-difenokonażol f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (3) L-Awtorità pproponiet definizzjoni ġdida tar-residwu għall-infurzar applikabbli għall-prodotti tal-annimali bħala "difenokonażol – alkoħol (CGA205375), espress bħala difenokonażol" abbażi tar-riżultati tal-metaboliżmu dwar ir-residwi tad-difenokonażol fil-bhejjem.
- (4) L-Awtorità rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-patata, għall-patata ħelwa, għall-brunġiel, għas-selq, għall-kardun u għall-krafes. Hija rrakkomandat ukoll li jinżammu l-MRLs eżistenti għall-escaroles, għall-bużbież u għar-rabarbru, li għalihom biżżejjed data ta' appoġġ dwar Prattiki Agrikoli Tajbin ("GAP") tressqet u ġiet ivvalutata mill-Awtorità. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs għal daww il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.
- (5) L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għal dawn li ġejjin: "pomu", "frott tal-għadma", "għeneb", frawli, tut, lampun (aħmar u isfar), żebbuġ tal-mejda, kaki, banana, għeruq tal-kassava/manjoka, jammijiet, ararut, pitravi, zunnarija, celeriac/krafes bl-għeruq, għerq tal-mustarda, artiċokks, zunnarija bajda, tursin tuberuż, ravanell, sassefrika, swedes, ġdur, tewm, basal, shallots, basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales, tadam, bżar ħelu, ħjar, ħjar tal-pikles, zukkini, bettieħ, qara' aħmar, dullieħ, brokkli, pastard, kaboċċi ta' Brussell, kaboċċi

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj>.

² EFSA 2024. Review of the existing maximum residue levels for difenoconazole according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal. 2024;22:e8987, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8987>.

kkapoċċati, kaboċċi Ċiniżi/pe-tsai, kales, kohlrabies, valerjanella/valerjanella tal-Italja, ħass, krexxuni u nebbieta u rimjiet oħra, krexxuni tal-art, aruka, mustarda ħamra, ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' brassika), spinaċi, burdliq, witloofs/indivja Belġjana, maxxita, kurrat selvaġġ, weraq tal-karfus, tursin, salvja, klin, timu, ħabaq u fjuri kommessibbli, weraq tar-rand, stregun, fażola (bl-imżiewed), fażola (bla mżiewed), piżelli (bl-imżiewed), piżelli (bla mżiewed), ġhads, spraġ, qaqoċċ, kurrat, fażola, ġhads, lupini/fażola tal-lupini, żerriegħa tal-kittien, żerriegħa tal-peprin, żerriegħa tal-ġirasol, żerriegħa tal-lift, żerriegħa tal-mustarda, żerriegħa tal-qoton, żerriegħa tal-ġhosfor, żerriegħa tal-fiddloqom, żerriegħa tal-camelina sativa, żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt, xgħir, qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn, qamħirrum, millieġ komuni, ħafur, ross, sorgu, infużjoni erbali mill-"fjuri", mill-"weraq u mill-ħxejjex aromatiċi", mill-"għerquq", mill-"ħwawar taż-żerriegħa, sottogrupp ta'", mill-"ħwawar tal-frott, sottogrupp ta'", ġhud is-sus, żaġġfran tal-Indja/kurkuma, pitravi taz-zokkor, għerquq taċ-ċikwejra, laħam tal-pollam, xaħam tal-pollam, fwied tal-pollam, kliewi tal-pollam, ġewwieni kommessibbli u bajd tal-pollam, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa kunsiderazzjoni ulterjuri mill-manigġers tar-riskju. Madankollu, l-Awtorità kisbet MRLs sikuri għall-ħass, għall-kales, għall-escaroles, għall-witloofs u għall-krafes abbażi ta' GAPs ta' riżerva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrieżaminaw il-GAPs ta' dawn l-għelejjel biex jiżguraw is-sikurezza tal-konsumaturi. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs għal dawn il-prodotti kollha jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità. Filwaqt li dawn l-MRLs jitqiesu sikuri, dawn se jiġu rieżaminati filwaqt li titqies l-informazzjoni disponibbli f'żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (6) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li fir-rigward tal-MRLs għal dawn li ġejjin: cranberries, bajtar tax-xewk (frotta tal-kaktus), avokado, gwava, qamħirrum ħelu, karawett, te, kafeni, prodotti tal-annimali (ħnieżer, bovini, naġġaġ, żwiemel u annimali oħra tar-razzett) mit-tessuti (xaħam, muskoli, fwied u kliewi) u ħalib, li huma bbażati fuq il-livelli massimi ta' residwu stabbiliti mill-Codex Alimentarius ("CXLs"), xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa kunsiderazzjoni ulterjuri mill-manigġers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li l-MRLs għal dawn il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.
- (7) L-Awtorità kkonkludiet ukoll fir-rigward tal-MRLs għall-ħwawar tal-qoxra tas-siġar, għall-ħwawar tal-blanzuni, għall-ħwawar ta' qalb il-fjura u għall-ħwawar tal-aril, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa kunsiderazzjoni ulterjuri mill-manigġers tar-riskju. Billi ma seta' jiġi derivat l-ebda MRL u lanqas valur tal-valutazzjoni tar-riskju, jixraq li l-MRLs għal daww il-prodotti jitbaxxew għal-limitu ta' determinazzjoni ("LOD") fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (8) L-Awtorità vvalutat is-CXLs eżistenti fl-opinjoni motivata tagħha. Meta kienet qed tistabbilixxi l-MRLs, il-Kummissjoni qieset daww is-CXLs li huma meqjusa sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni.
- (9) Tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li titlob modifika tal-MRLs eżistenti għall-frott taċ-ċitru, għall-ġewż tas-siġar, għall-mango, għall-papaja, għall-piżelli niexfa u għall-fażola tas-sojja. L-Awtorità vvalutat l-informazzjoni sottomessa u kkonkludiet³ li r-riskju għall-konsumaturi mhuwiex

³ EFSA 2025. Setting of import tolerances for difenoconazole in various crops. EFSA Journal. 2025; 23:e9472. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9472>.

probabbli. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-lakuni fid-data identifikati fir-rieżami tal-MRLs skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma indirizzati għal dawn il-prodotti. Għalhekk jixraq li l-MRLs għal dawn il-prodotti jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.

- (10) Rigward il-prodotti li fuqhom mhux awtorizzat li jintuża l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li ma jeżistux tolleranzi tal-importazzjoni jew CXLs għalihom, jixraq li l-MRLs jiġu stabbiliti fil-LOD speċifiku għall-prodott jew li jiġi applikat l-MRL prestabbilit, kif previst fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (11) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti LODs. Dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti prodotti, l-iżviluppi tekniċi jippermettu li jiġu stabbiliti LODs aktar baxxi.
- (12) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u tqiesu l-kummenti tagħhom.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat kif xieraq.
- (14) Sabiex ikun hemm lok għall-kummerċjalizzazzjoni, għall-ipproċessar u għall-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq fl-Unjoni qabel ma bdew japplikaw l-MRLs il-ġodda u li għalihom inżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.
- (15) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.
- (16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew introdotti fis-suq fl-Unjoni qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN